MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 630/2011

**Transpak Overseas Ltd (C 3339)**

**vs**

**Probe Trading Ltd (C 42498)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta’ Awwissu 2011, fejn intalab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elfejn, erba’ mija, hamsa u ghoxrin Euro dsatax-il centezmi (€2,425.19c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra in-nota ta riduzzjoni tas-socjeta attrici ippresentata l-Qorti fit-13 ta’ Frar 2012 fejn l-ammont gie ridott ghall-elf, erba’ mija, erbgha u sebghin Ewro hamsa u ghoxrin centezmi (€1,474.25c)

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex s-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, s-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2012, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba’ mija, erbgha u sebghin Ewro hamsa u ghoxrin centezmi (€1,474.25c) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------